# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2248

**Kaz Numru 2937/JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Ivan Sciberras ID 450388M**

**u**

**BPC International Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur James H Pearsall**

**Illum l-Erbgha 16 ta' Ottubru 2013**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-13 ta' Lulju 2011.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Ivan Sciberras li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukata Abigail Galea.

2.2 Il-kumpaniji BPC International Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn David Brockdorff, meghjun mill-Avukati Keith A. Borg u Edward Woods.

## 3. Fatti tal-kaz fil-qosor

Nhar l-01.11.05 ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien fiss. Dan kien zmien meta l-kumpanija intimata kien qieghed ikollha domanda dejjem tizdied ghas-servizzi li kienet toffri. Nhar l-01.07.07 inghata kuntratt gdid fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist/Art Director* ghal zmien fiss u zieda fis-salarju diferita ghall-bidu tas-sena ta' wara. L-istess kuntratt kompla jiggedded, u wara zmien inbidel ghal wiehed minghajr terminu skont il-Ligi. Nhar l-10.06.11 ir-rikorrent kien mgharraf li kien ser jintemmlu l-impjieg minhabba allegata *redundancy*. Ir-rikorrent ikkontesta r-raguni ghat-temma tal-impjieg kif ukoll li f'kaz li tirrizulta *redundancy* genwina, il-kumpanija intimata naqset li tosserva l-provvediment tal-artiklu 36(4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Alex Azzopardi u l-Avukata Charlotte Camilleri xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Joseph Scerri xehed ghar-rikorrent.

4.3 David Brockdorff u Ivan Sciberras kienu xhieda komuni.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni flimkien ma' Dok.A, Dok.AA1 sa Dok.AA4, Dok.DB1 sa Dok.DB15, Dok.DBX1, Dok.JS1 sa Dok.JS4, Dok.KB1 sa Dok. KB7, u Dok.KBX1

5.2 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni flimkien ma' Dok.A, Dok.IS1 sa Dok.IS4, DokB, Dok.C, u tlieta u tletin dokument immarkati Dok.IS1 sa Dok.IS33.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Alex Azzopardi,** impjegat ghal dawn l-ahhar hmistax -il sena fil-kariga ta' *Financial Controller* mal-kumpanija intimata, stqarr li l-kumpanija intimata topera fil-qasam tal-komunikazzjoni fil-media. Zied jghid li mill-2010 'l hawn, minhabba tnaqqis fl-attivita ekonomika dinjija inkluza l-Ewropa, hafna klijenti tal-kumpanija intimata naqqsu l-infieq taghhom fir-reklamar. Dan it-tnaqqis irrifletta ruhu f'nuqqas fl-attivita tal-kumpaniji li joperaw f'dan is-settur. Il-profitti tal-kumpanija intimata bdew jonqsu u fl-2011 kienu minimi u fl-2012 mistennija li jkunu l-istess. Dan kien qieghed jigri ghaliex il-klijenti, minflok jordnaw kampanji godda ta' reklamar, bdew jaghmlu uzu minn kampanji wzati fl-imghoddi b'xi tibdiliet minimi. Minhabba dan, il-kumpanija intimata bdiet tfittex klijenti godda fl-Afrika ta' fuq, izda l-konflitti fir-regjun gabu fix-xejn dak kollu li beda jinbena, u jridu jghaddu madwar sentejn biex jerga jinbeda ritmu li jista' jwassal ghal xi rizultat konkret. Ix-xhud stqarr li d-differenzi li jirrizultaw fid-dhul ghall-kumpanija intimata minn prezzijiet ghal kampanji godda, u xoghol ta' reklamar li jsir permezz ta' tibdil ta' kampanji qodma huma sostanzjali. Ix-xhud ikkonferma li x-xoghol ta' krejattivita *fl-istudio* hu r-responsabbilta tal-*Art Directors*. zied jghid li x-xoghol ta' krejattivita naqas b'madwar 80% bil-konsegwenza li fl-2011 kellhom itemmu l-impjieg ta' tnejn minn tliet *Art Directors*, ghaliex ma kienx hemm xoghol ghal tliet impjegati f'din il-kariga. Minbarra hekk ittiehdu wkoll mizuri f'dipartimenti ohra, li kienu jinkludu rizenji minghajr sostituzzjoni, tnaqqis fis-sighat kull gimgha ghal ohrajn, u terminazzjoni ta' kuntratti ghal zmien fiss. Dawn il-mizuri komplew ukoll fis-sena 2012. Ix-xhud ikkonferma l-istorja tal-impjieg mal-kumpanija intimata tar-rikorrent minn fejn jirrizulta li beda fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist,* ghal Senior *Graphic Artist/Art Director*, b'paga li zdiedet minn €24,000 ghal €35,000. Ix-xhud kompla li ghalkemm il-kuntratt tal-impjieg juri zewg titli, ir-rikorrent kien imhallas ta' *Art Director* ghaliex matul iz-zmien ir-responsabbiltajiet inbidlulu, ghalkemm meta kien hemm bzonn kien jaghmel xoghol fi gradi ohra skont il-htiega. Ix-xhud qal li d-decizjoni tat-temma tal-impjieg tar-rikorrent segwiet ir-rikjesti kollha tal-Ligi, u li issa r-rikorrent qieghed jahdem ma' kumpanija ohra kompetitrici. Ix-xhud temm jghid li r-reklam ghal persuna indigena Gharbija mhuwiex tal-istess livell tar-rikorrent u li l-istess reklam kien beda jidher zmien twil sew qabel ma ntemm l-impjieg tar-rikorrent.

6.2 **David Brockdorff,** impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' Direttur Manigerjali, stqarr li l-kumpanija intimata topera fl-attivitajiet relatati mar-reklamar fil-media, billi tohloq kuncetti, tfassal disinnji, tigbed films u tlesti materjal ghall-istampar jew biex jidher fil-media. Iz-zmien bejn l-2005 u l-2009 kien profitabbli hafna ghall-kumpanija intimata, u r-rikorrent kien jaghmel hafna xoghol ta' *art direction,* izda mill-2010 'l hawn, kemm minhabba l-kompetizzjoni u wkoll minhabba t-tnaqqis fl-attivita ekonomika madwar id-dinja, il-klijenti taghha bdew jillimitaw l-infiq taghhom fir-reklamar. Fejn qabel kien ikun hemm domanda qawwija ghal reklamar permezz ta' kampanji godda, din inbidlet f'wahda ghal tibdil f'reklamar antik bid-dhul dejjem jonqos. Minbarra hekk il-prezzijiet tal-kumpanija intimata ghax-xoghol li kien isir ukoll beda jonqos. Ix-xhud stqarr li ghalkemm ma jezistix registru tax-xoghol kollu li jsir, jezistu *job files* li jkun fihom dak kollu relatat max-xoghol li fuqu jinhargu l-fatturi. L-impjegati *fl-istudio* jahdmu fuq sistema li ma tkunx ikkupjata fil-*back-up*, u ghaldaqstant ma setax jesebixxi l-kopji mitluba tal-messaggi elettronici li jintbaghtu mill-*istudio* lil-impjegati ohra hlief dawk indirizzati lill-*Account Holders* li jaghmlu l-kuntatt mal-klijenti. L-isforzi tal-kumpanija intimata biex issib klijenti godda fis-suq lokali ma kellhomxx ir-rizultat mixtieq, u kien deciz li jfittxu klijenti fil-pajjizi tal-Afrika ta' fuq. Izda gara li l-krizijiet politici li sehhew f'dawn il-pajjizi malajr gabu fix-xejn dak li kien beda jinkiseb. Kien ghalhekk li kellhom jittiehdu mizuri li effettwaw b'xi mod jew iehor l-impjieg ta' ghaxar persuni fid-diversi dipartimenti tal-kumpanija intimata. Ix-xhud esebixxa dokument li fih l-ismijiet u l-karigi ta' dawk kollha li kienu effettwati bil-mizuri li ttiehdu, u kompla li ghalkemm kien jaghmel kull kwalita ta' xoghol skond il-htiega, ir-rikorrent kien jokkupa kariga minn tlieta ta' *Art Directors* fl-*istudio*, izda minhabba l-andament tax-xoghol il-kumpanija intimata kkonkludiet li mhux vijabbli li tkompli timpjega tliet *Art Directors* meta setghet taghmel l-istess xoghol b'persuna wahda. Zied jispjega li t-tqassim ta' xoghol fl-*istudio* kien jinghata lil min kien ikun f'pozizzjoni li jlestih fil-hin. L-avviz ghal impjegat li twieled u ghex jitkellem bil-lingwa Gharbija kien fil-kariga ta' *Junior Graphic Artist* fuq bazi *part-time,* u dan beda jidher fuq il-*website* tal-kumpanija intimata fi Frar 2010, zmien hafna qabel meta kienu bdew jikkunsidraw li jnaqqsu l-impjegati. L-impjieg ta' Maria Twilson kien ukoll fuq bazi *part-time* ghal zmien qasir u f-livell hafna anqas minn dak ta' *Art Director*. Ix-xoghol li nghata barra l-kumpanija intimata matul l-2011 ma kienx jaqbez il-€200.00. It-taghmir tekniku li nxtara kien biex jissostitwixxi xoghol iehor li kien qdiem u mhux b'zieda ma' dak li kien hemm. Ix-xoghol ta' *rebranding* ta' kumpanija partikulari li ssemmiet mir-rikorrent kien ghamlu kollu l-istess rikorrent fuq medda ta' tmien xhur, u f'Gunju 2011 kien lest. Ix-xhud kompla li r-rikorrent stess kien jaf li x-xoghol fil-livell tieghu ta' *Art Director* kien naqas sew, ghaliex ghamel zmien jirrepetilu li kien hemm bzonn li jiksbu aktar klijenti. Ix-xhud stqarr ukoll li n-nomenklatura doppja li kienet tnizzlet fil-kuntratt tal-impjegat kienet tirrifletti zewg perjodi konsekuttivi tal-impjieg, li fihom ir-rikorrent kien kompla fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist* sal-31 ta' Dicembru 2007 u beda fil-kariga ta' *Art Director* fl-1 ta' Jannar 2008, b'zieda fil-paga u fir-responsabbilta, inkluza s-sorveljanza tax-xoghol ta' impjegati ohra. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tieghu li fuq il-parir li nghataw mill-Assocjazzjoni ta' min ihaddem huma kkonformaw mal-provvedimenti rilevanti tal-Ligi biex jaghmlu r-ristrutturar mehtieg. Ir-rikorrent talab li jinghata riferenza li fiha jinkiteb li kien irrizenja minn jeddu u hekk sar. Id-dokument statutorju intbaghat jghid mod iehor wara li l-kumpanija intimata saret taf li r-rikorrent kien irrefera l-kaz lit-Tribunal Industrijali.

6.3 **L-Avukata Charlotte Camilleri**, impjegata mal-Assocjazzjoni ta' min Ihaddem, stqarret li fix-xoghol taghha taghti pariri legali, tiskrutinja kuntratti, tfassal regoli u proceduri u taghti tahrig lir-rapprezentanti tal-kumpaniji membri, fosthom il-kumpanija intimata. Ziedet tghid li zmien minnhom kienet intalbet u tat parir lill-kumpanija intimata dwar tnaqqis u tibdil fl-impjiegi. Ix-xhud ikkonfermat li fil-kaz in kwistjoni, il-kumpanija intimata kienet gharrfitha li kienet timpjega tliet persuni fil-kariga ta' *Art Director* u riedet li tnaqqas tnejn minnhom, u taghmel tibdil iehor versus impjegati ohra, u hi kienet tat parir dwar kif kellhom jitmexxew l-affarijiet biex tkun konformi mal-Ligi. Ghalkemm ma kinitx murija l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent, dan ma kienx mehtieg ghaliex dan ma jkunx fih it-tibdil li jkun sar matul l-impjieg. Ziedet tghid li l-kumpanija intimata hadet il-parir taghha u konsegwentement ikkonformat mal-Ligi.

6.4 **Ivan Sciberras**, ex-impjegat fil-kariga kuntrattwali ta' *Senior Graphic Artist/Art Director*, stqarr li beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist* taht *Art Director* iehor u ghamel spjega fil-qosor dwar fiex kien jikkonsisti x-xoghol tieghu. Zied jghid li f'dan l-istadju xoghlu kien jirreferih lil *Art Director* biex ikun approvat. Wara sentejn fl-impjieg rega' nnegozja mal-kumpanija intimata u nghata kuntratt gdid fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist/Art Director*, li kien jinkludi tibdil fil-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xoghol, fosthom zieda fis-salarju. Kompla li xi drabi minhabba l-volum ta' xoghol li kien ikun hemm kien jaghmel ix-xoghol kollu mill-bidu sal-ahhar, inkluz dak ta' *Art Director*, i.e mill-*brief* tal-klijent sal-output tal-progett. Ix-xoghol qatt ma kien jitqassam skont il-kategorija tat-titlu tal-kariga, izda skont il-klijent. Ix-xhud ikkonferma li meta gie appuntat *Senior Graphic Artist/Art Director* kien ukoll responsabbli li jezamina x-xoghol ta' ohrajn fi gradi anqas minn tieghu. Fl-ahhar tmien xhur ix-xoghol ta' *Art Director* kien minimu, izda f'dan iz-zmien kien jaghmel kull xoghol li jinghata irrispettivament mil-livell. Ix-xhud esebixxa diversi kampjuni tax-xoghol biex juri x-xehta u d-diversita u l-livell ta'  xoghlu. Zied jghid li matul il-bidu tas-sena 2011 ix-xoghol kompla bl-istess ritmu, kif jirrizulta wkoll mill-fatt li kienu impjegati *part-timers* addizzjonali u persuna ohra fuq xoghol *web-related*. Minkejja dan kienu rrizenjaw xi impjegati li ma kinux sostitwiti, intemm l-impjieg tieghu u ta' *Art Director* iehor, u nbidlu l-kundizzjonijiet ta' xi ohrajn. Jum fost l-ohrajn wara li kien ilu jahdem fuq il-kampanja tal-Kinnie ghal madwar tmien xhur wasallu avviz elettroniku biex jattendi laqgha wara nofs in-nhar ma' David Brockdorff li matulha kien mgharraf li kien ser jintemmlu l-impjieg, ahbar li hasditu mhux ftit. Meta sema' hekk issuggerixxa lil David Brockdorff jekk setax jonqoslu s-salarju minflok jintemmlu l-impjieg, izda dan wiegbu li ma setax isir hekk. Wara li ntemmlu l-impjieg kien jaf li l-kumpanija intimata kellha mill-anqas hames kampanji ohra ta' reklamar bhalma kienu ta' Farsons u l-H.S.B.C. Ix-xhud wera d-diqa tieghu li minkejja li sa minn zmien qabel kien jidher li ser ikun hemm nuqqas ta' xoghol, hu ma kienx mgharraf biex jibda jfittex alternattiva u jirrizenja min jeddu minflok jintemmlu l-impjieg hesrem bil-periklu li sidien ohra prospettivi setghu ma jemmnux li ma kienx hemm dizgwid bejnu u bejn il-Principal tal-kumpanija intimata li wassal ghat-temma tal-impjieg.

6.5 **Joseph Scerri,** ex-impjegat tal-kumpaniji Mass Communications, Promotion Services u tal-kumpanija intimata, stqarr li fid-dokumenti statutorji tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig, il-kariga tieghu kienet dik ta' *Art Director* u li dan it-titlu tal-kariga kien l-istess fil-messaggi elettronici li kien jibghat waqt id-durata tal-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata. Ix-xhud iddeskriva t-taghrif li persuna tehtieg biex taghmel xoghol f'kariga *ta' Art Director/ Designer*, u qal li f'dan ix-xoghol hawn Malta ma jezistux *gradings*. Ix-xhud kompla li hadem fil-

Canada fl-istess xoghol u spjega li hemmhekk l-*Art Directors* ma jaghmlux xoghol ta' disinji grafici, izda jezaminaw ix-xoghol ta' *Graphic Designers* ohra, u japprovawh jew mod iehor. F'Malta l-*Art Director* irid jaghmel ix-xoghol fil-livelli kollha skond il-htiega. Ix-xhud ikkonferma li kellu zewg persuni allokati mieghu biex jissorvelja x-xoghol taghhom, u li x-xoghol kien jitqassam fl-*istudio* skont il-klijent u mhux skont il-grad tal-individwi. L-aspett krejattiv ta' kampanja ta' reklamar kienu jikkontribwixxu ghalih hafna persuni f'kull grad u wara jibda x-xoghol u l-produzzjoni tad-disinn. Il-konkluzjoni tieghu kienet li mal-kumpanija intimata u ohrajn simili f'Malta l-*Art Director* jaghmel kull kwalita ta' xoghol fil-livelli kollha. F'jum tipiku x-xoghol tieghu fl-attivatjiet normalment assocjati ma' *Art Director* kien jammonta ghal 10% u l-bqija kien dak ta' disinnji grafici. Ix-xhud irrakkonta episodju li meta x-xoghol tieghu ma nghogobx inghata lill-*Graphic Designer* biex jaghmlu. Dan inghad biex jintwera li ma kienx hemm distinzjoni bejn ix-xoghol ta' *Art Director* u *Graphic Designer*. Fl-2011 meta hu u r-rikorrent intemmilhom l-impjieg kien hemm hafna xoghol fil-kumpanija intimata u zied li ghalkemm fil-kampanja tal-H.S.B.C. (Malta) Limited ma kienx hemm xoghol ta' *Art Director,* kien hemm hafna xoghol ta' *graphic design*. Fl-istess waqt ir-rikorrent kien qieghed jahdem fuq il-kampanja tal-Kinnie. It-talbiet ghal tibdil kontinwu mill-klijenti kien jissupera d-decizjonijiet tal-*Art Director.* Madwar xahar qabel l-avviz tat-temma tal-impjieg dahlet tahdem Mariette Fenech minhabba l-volum ta' xoghol li kien hemm. Fil-jum tal-avviz tat-temma tal-impjieg, hu flimkien mar-rikorrent issuggerew lil David Brockdorff biex jitnaqqsilhom is-salarju, izda dan wiegeb li ma setax jaghmel hekk. Darba fost l-ohrajn madwar tliet jew erba' snin qabel, David Brockdorff kien qalilhom li l-kumpanija intimata ma kinitx ser tkompli zzomm lill-Vodaphone bhala klijent. Ix-xoghol hu stagunali tant li fis-sajf jonqos hafna, izda fl-2010 kellhom hafna xoghol ghalkemm dan ma kienx fl-attivitajiet ta' *Art Director*. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent gie li hadem xoghol bil-lingwa Gharbija ghal-Libja. Ikkonferma wkoll li wara t-temma tal-impjieg il-*website* tal-kumpanija intimata kienet turi reklam ta' post vakat fuq bazi *part-time* fil-kariga ta' *Graphic Designer* bil-lingwa Gharbija.

## *7.* Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Keith A. Borg f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li:

- Fl-2005 ir-rikorrent beda fl-impjieg fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist.* Fl-2007 inghata kuntratt gdid ta' *Senior Graphic Aritst/Art Directo*r, biz-zieda finanzjarja posposta ghall-01.01.08. Il-kariga ta' *Art Director* bdiet tidher fil-business cards tieghu, fil-messaggi elettronici, fuq il-Linkedin, fid-dokumenti statutorji tal-Korporazzjoni ghat-Tahrig u Impjieg, u wkoll fl-avviz tat-temma tal-impjieg. Il-fatt li r-rikorrent kien jaghmel ukoll xoghol ta' *Senior Graphic Artist* ma jibdel xejn mill-grad sostantiv tieghu.

- Ghal xi zmien wara li bdiet il-krizi finanzjarja globali, il-kumpanija intimata bdiet tesperjenza l-issikkar li bdew jaghmlu l-klijenti fl-estimi taghhom rigwardanti nfiq ghal reklamar. Minn dan kollu rrizulta li d-domanda tax-xoghol inbidlet minn wahda ta' kampanji godda ghal ohrajn li kienu jirrikjedu biss tibdil, u konsegwentement ta' valur hafna anqas minn dak ta' qabel. Fid-dawl ta' dan it-tibdil, il-kumpanija intimata bdiet tfittex klijenti godda kemm f'Malta kif ukoll fir-regjun tal-

Afrika ta' fuq. Il-kisba ta' klijenti godda Maltin kienet minima, u fil-kaz tal-Afrika ta' fuq kollox sfaxxa fix-xejn b'rizultat tal-konflitti li zviluppaw fir-regjun. Il-volum ta' xoghol b'valur gholi kompla jonqos sakemm il-kumpanija intimata kienet kostretta tiehu mizuri biex tnaqqas l-ispejjez kurrenti fid-dipartimenti kollha fejn dan kien possibbli.

- Jekk wiehed jikkonsidra r-rimpjieg ta' Paul Caruana wara nuqqas ta' madwar hames xhur u nofs fil-kuntest tal-provvediment tas-sub artiklu 36 (6) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li anki kieku wiehed kellu jikkonsidra l-kariga tar-rikorrent bhala dik ta' *Senior Graphic Artist*, id-decizjoni tat-temma tal-impjieg kienet xorta wahda konformi mal-Ligi.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impjieg tar-rikorrent kienet ghal raguni ta' *redundancy,* u konformi mal-Ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Abigail Galea f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumentat li:

- Wara li nhatar fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist/Art Director* ir-rikorrent kien jaghmel ix-xoghol kollu li kien jinghatalu, inkluz dak ta' *Senior Graphic Artist.*

- Kuntrarju ghal dak li ppruvat tistabilixxi l-kumpanija intimata, ix-xoghol ta' *Senior Graphic Artist* jinkludi xi ftit jew wisq elementi ta' *art direction*.

- F'Awwissu 2011 ir-rikorrent kien qieghed jahdem fuq kampanja kollha kemm hi xoghol fil-kompitu ta' *Art Director*, u konsegwentement zgur ma kienx zmien propizju li lir-rikorrent jintemmlu l-impjieg fuq bazi ta' *redundancy.* Dak li gara sehh biss ghaliex il-kumpanija intimata kienet tqassam ix-xoghol bi kriterji li ma kinux mibnija fuq il-karigi tal-impjegati.

- Ghalkemm ir-rikorrent kien juza n-nomenklatura ta' *Art Director* fil-*business cards*, messaggi elettronici ecc, kien regolarment jaghmel xoghol ta' *Art Director* kif ukoll dak assocjat ma' gradi f'livelli anqas, u dan ghaliex il-kariga kuntrattwali kienet tkopri xoghol ta' zewg livelli.

- Wara t-temma tal-impjieg tar-rikorrent beda jidher reklam ta' kariga vakata ghal *Graphic Artist* fuq il-*web site* tal-kumpanija intimata li jkompli jsahhah l-argument li ma kienx hemm lok ta' *redundancy.*

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-kumpanija intimata temmet l-impjieg tar-rikorrent minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Ghalkemm ma hemmx tifsira ta' *redundancy* fil-Ligi Maltija, jirrizulta li l-Qrati Maltin segwew il-kazistika Ingliza ghall-istess, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet **Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C.-23 ta' Mejju 2008) fejn gie affirmat l:

"Fuq din il-materja ta' *redundancy* jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbiliet dawn il-linji gwida, u cioe:-

*(a) was the employee dismissed?;*

*(b) if so, had the requirements of the business for the employee to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) if so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?*

8.2 Jirrizulta mix-xhieda mhux kontestata, li fiz-zmien li ntemm l-impjieg, u wkoll minn zmien qabel, ir-rikorrent kien jaghmel xoghol normalment assocjat kemm mal-kariga ta' *Art Director* kif ukoll ma' dik ta' *Senior Graphic Artist*. Jirrizulta wkoll li wara zmien ta' dhul globali gholi li fil-bidu tieghu l-kumpanija impjegat lir-rikorrent, mill-2008 'l quddiem ghal tliet snin konsekuttivi, id-dhul globali tal-kumpanija intimata naqas. Dan wassal lill-kumpanija intimata biex fl-2011 tikseb parir professjonali rigwardanti dak li setghet taghmel biex tamministra legalment dawk il-mizuri permessi li taghmel bill-Ligi. Id-decizjonijiet li ttiehdu kellhom effett, u hadu forom differenti fuq numru ta' impjegati f'diversi dipartimenti konformi mal-kuntratt u x-xoghol li kienu jaghmlu.

8.3 Il-pern ewlieni ghar-rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni tax-xoghol jistrieh fuq it-tifsira li ghandha tinghata lill-frazi "fil-klassi tal-impjieg" li tidher fl-artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz meta impjegat ikollu kariga kuntrattwali b'nomenklatura doppja, u mhux tal-istess livell fil-gerarkija tal-organizzazzjoni, u wkoll li fil-kors normali tax-xoghol ikun jaghmel xoghol relatat maz-zewg karigi bhalma hu l-kaz in ezami. hadd ma ghandu jippretendi li f'kaz ta' htiega li jitnaqqsu l-impjiegi, impjegat jew principal ghandhom jithallew jaghzlu liema wahda miz-zewg karigi ghandha titqies dik sostantiva skont kif jaqbel lill-parti jew lill-ohra ghall-iskop ta' konformita mal-Ligi.

8.4 Jirrizulta mix-xhieda li hemm attivitajiet fost ix-xoghol ta' *Art Director* mal-kumpanija intimata li ma jinstabux fix-xoghol ta' *Senior Graphic Artist* u gradi ohrajn ta' livell anqas. Dan minhabba li fil-kaz tal-ewwel kariga x-xoghol tal-impjegat jinkludi element ta' kapacita li jikkreja kuncetti u jaghmel supervizjoni tax-xoghol tal-impjegati fi gradi anqas minn tieghu. Mill-istess xhieda jirrizulta wkoll li x-xoghol ta' *Senior Graphic Artist* jew ta' gradi anqas ma jkunx processat ghal ghand il-klijent minghajr l-approvazzjoni tal-*Art Director*. L-ammont tas-salarju li beda jithallas lir-rikorrent meta nghata l-kariga ta' *Senior Graphic Artist/Art Director* ukoll jghin biex tinftiehem il-frazi "fil-klassi tal-impjieg" ghall-kaz in ezami.

8.5 Jirrizulta mix-xhieda li x-xoghol ta' *Art Director* hu dejjem mehtieg biex il-kumpanija intimata tkompli bis-servizzi taghha. Il-provi juru li minkejja t-temma tal-impjieg ta' zewg impjegati li kienu jaghmlu attivitjiet assocjati ma' *art direction,* dan ix-xoghol fil-fatt tkompla minn persuna wahda minflok minn tlieta.

8.6 Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent allega wkoll li fil-kunsiderazzjoni taghha rigwardanti t-tul ta' servizz bejnu u bejn impjegati ohra fil-karigi ta' *Junior* u *Senior Graphic Artisits,* il-kumpanija intimata ma segwietx korrettament il-provvediment tal-artiklu 36 (6) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-allegazzjoni ghandha tkun ikkunsidrata biss jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-grad sostantiv tar-rikorrent immedjatament qabel it-temma tal-impjieg kien ta' *Senior Graphic Artist* u mhux ta' *Art Director*.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 Ghalkemm ir-rikorrent kien jaghmel xoghol li jappertjeni ghall-karigi ta' *Art Director* u *Senior* u *Junior Graphic Artist*, u dan b'sens ta' flessibilita, kien hemm attivitajiet fix-xoghol tieghu li kienu jappertjenu biss ghall-kariga ta' *Art Director* u li flimkien mal-hlas tas-salarju li kien jircievi, kienu jikkonfermaw li l-grad sostantiv tar-rikorrent immedjatament qabel it-temma tal-impjieg kien ta' *Art Director,* u mhux ta' *Senior Graphic Artist.*

9.2 Galadarba l-grad sostantiv tar-rikorrent qabel it-temma tal-impjieg kien dak ta' *Art Director,* it-temma tal-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni ta' *redundancy* u saret konformi mal-provvediment tal-artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il ¬entezmu (€93.17).

**James H Pearsall**
**Chairman**